



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

9272/22

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0142 (NLE)

---

AGRI 206  
FORETS 36  
DEVGEN 97  
ENV 449  
RELEX 667  
JUR 352  
PROBA 18

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...**

**ta'...**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea  
u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali,  
it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u mal-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1+</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C ..., ..., p. ....

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata “Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT): Proposta għal Pjan ta’ Azzjoni tal-UE. Il-Pjan ta’ Azzjoni stabbilit f’dik il-komunikazzjoni (“il-Pjan ta’ Azzjoni FLEGT”) għamel appell biex jittieħdu miżuri sabiex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam billi jiġu żviluppati ftehimiet ta’ sħubija volontarji ma’ pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Pjan ta’ Azzjoni FLEGT fit-13 ta' Ottubru 2003 u l-Parlament Ewropew adotta r-risoluzzjoni tiegħu dwar dan is-suġġett fil-11 ta’ Lulju 2005.
- (2) F’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/...<sup>1+</sup>, il-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (“il-Ftehim”) ġie ffirmat fi ...<sup>++</sup>, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’ data iktar tard.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/...ta'... dwar l-iffirmar, f’ isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (ĠU L ..., ..., p. ...).

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument ST 9086/22 u żid in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġbok żid id-data tal-iffirmar tal-Ftehim.

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerç ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni<sup>1+</sup>.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 33 tal-Ftehim<sup>2</sup>.

### *Artikolu 3*

L-Unjoni għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni fil-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ u Rieżami stabbilit skont l-Artikolu 20 tal-Ftehim.

L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ta' Monitoraġġ u Rieżami bħala membri tad-delegazzjoni tal-Unjoni.

---

<sup>1</sup> It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ... [żid ir-referenza tal-ĠU].

<sup>+</sup> Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST 9271/22.

<sup>2</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

#### *Artikolu 4*

Bl-għan li jiġu emendati l-Annessi tal-Ftehim skont l-Artikolu 27 tal-Ftehim, il-Kummissjoni hija awtorizzata, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005<sup>1</sup>, li tapprova kwalunkwe tali emenda f'isem l-Unjoni.

#### *Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).